**Qorti tal-Magistrati (Malta)**
**Bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali**
**Magistrat Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Il-Pulizija**
**(Spettur Joseph Busuttil)**

**vs**

**-Omissis-**

**Kumpilazzjoni Numru: 247/2020**

**Illum, tlettax (13) ta' Mejju, 2024**

**Il-Qorti,**

Rat l-akkuzi migjuba kontra **-Omissis-** detentur tal-karta tal-identità -Omissis- akkuzat talli:

Gewwa dawn il-Gzejjer bejn April 2019 u Gunju 2020 b'diversi atti maghmulin minnu wkoll jekk fi zminijiet

differenti u li jiksru l-istess dispozizzjoni tal-ligi, u li gew maghmula b'rizoluzzjoni wahda:

1. Aktar talli fl-istess cirkostanzi b'ghemil zieni, kkorrompa lill--Omissis-, mwielda -Omissis- (Art 203(1)(c) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta);

2. Aktar talli fl-istess cirkostanzi ippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna taht l-eta' u cioe' -Omissis-, mwielda -Omissis- Art 204C(1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

3. Aktar talli fl-istess zmien lok u cirkostanzi, bl-imgieba tieghu ikkaguna lill--Omissis-, mwielda -Omissis- il-biza li ser tintuza vjolenza kontrijha jew kontra l-propjeta' taghha jew kontra l-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti, ahwa subien jew bniet jew xi persuna msemmija fl-artikolu 222(1) ta' Kap 9. Art 251B (1) ta' Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta

4. Hebb kontra -Omissis- sabiex jingurja, iddejjaqha jew jaghmillha hsara. Kap 9 Art Art

Il-Qorti giet mitluba li f'kaz ta' htija minbarra li tinflingi l-pieni stabbiliti mill-Ligi, tordna lill-imsemmija persuna

sabiex thallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti, jekk ikun il-kaz, kif provdut fl-Artikolu. Art 533 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti giet mitluba sabiex barra milli tapplika il-piena skond il-ligi, tapplika wkoll l-artikoli 383, 384 u 385 tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta ghas-sigurta ta' -Omissis-, hawn fuq imsemmija kif ukoll ghal familjari taghha.

Il-Qorti giet mitluba li tohrog ordni ta' protezzjoni ghas-sigurta ta' -Omissis- ai termini tal-artiklu 412(C) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawza kif ukoll f'kaz ta' htija ma' kull piena li l-Qorti jidrilha xierqa.

Rat l-ezami tal-imputat fejn huwa wiegeb mhux hati tal-akkuzi kif dedotti kontrih;

Rat il-fedina penali tal-imputat li hija wahda netta;

Rat in-nota tal-Avukat Generali datata sitta u ghoxrin (26) ta' Mejju, 2023 fejn elenka l-Artikoli tal-Ligi li tahthom qed tintalab li ssib htija u cioe':

1. Fl-artikoli 18, 203(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

2. Fl-artikoli 18, 204C(1) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
3. Fl-artikoli 18, 202, 222(1), 251(3), 251B, 251HA tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
4. Fl-artikoli 18, 339(1)(d) tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta;
5. Fl-artikoli 15A, 17, 31, 382A, 383, 384, 385, 386, 412C, 412D, 532A, 532B u 533 tal-Kodici Kriminali, Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat illi wara li nqraw l-Artikoli tal-Ligi l-imputat ma kellux oggezzjoni li din il-Qorti tkompli tisma' u tiddeciedi dawn il-proceduri b'mod sommarju.

## IKKUNSIDRAT

Illi rat ir-*referral letter* [1]li ntbaghtet lill-Kummissarju tal-Pulizija mid-Direttorat ghall-Harsien tat-Tfal datata tmienja (8) ta' April 2020 u dan ghaliex il-minuri -Omissis- kienet qed tistenna tarbija mill-imputat -Omissis-. Illi dak iz-zmien il-minuri kellha biss erbatax (14)-il sena.

[1] Dok. JB4 – folio 8.

Rat in-nota pprezentata fl-atti[2] minn -Omissis- u ommha -Omissis- illi ddikjaraw li ma kinux ser jixhdu f'dawn il-proceduri.

Semghet lil **Alison Bonello** mill-Agenzija Appogg li kkonfermat ir-rapport li kellhom li kien gie minn professjonisti li kienu tkellmu mal-minuri fejn din kienet qaltilhom li kienet qed tistenna tarbija minghand l-imputat izda kienet imhassba bir-relazzjoni taghhom ghaliex l-imputat kien qed jagixxi b'mod abbuziv verbalment. Qaltilhom ukoll illi l-imputat kien qed jghix maghha ghand omm il-minuri. Kienet qaltilhom ukoll illi r-relazzjoni taghhom giet ghall-ahjar 'il quddiem u li l-unika xewqa taghha kienet li tibqa' mal-imputat u trabbi t-tfal taghha mieghu.

Semghet lil **Graziella Abela** li pprezentat it-traskrizzjoni tal-istqarrija tal-imputat datata tmienja (8) ta' Gunju 2020.[3] Illi f'din l-istqarrija l-imputat jghid illi kellu dsatax (19)-il sena u l-minuri kellha erbatax (14)-il sena u li huma kienu ilhom johorgu flimkien xi sena u tliet xhur u li dak iz-zmien kien qed jghix maghha fid-dar ta' ommha -Omissis-. Huwa

[2] Folio 13.
[3] Folio 136.

kkonferma illi hu u l-minuri -Omissis- kienu qeghdin jistennew tarbija flimkien.

Semghet lill-**Ispettur Audrey Micallef** [4] li kkonfermat li l-minuri -Omissis- u l-imputat kienu qeghdin jistennew tarbija li kellha titwieled bejn Lulju u Awwissu tas-sena elfejn u ghoxrin (2020) u tghid illi ghal bidu l-minuri kienet imhassba bir-relazzjoni ta' bejniethom. Tghid ukoll illi l-minuri -Omissis- kienet stqarret mal-ufficjali tal-Agenzija Appogg illi -Omissis- kien l-ewwel persuna li kellha x'taqsam sesswalment mieghu tant li meta l-ewwel darba kellha x'taqsam mieghu hija kien hargilha d-demm u meta qaltlu biex jieqaf huwa hekk ghamel.

Semghet lill-minuri **-Omissis-** assistita minn avukat ta' fiducja taghha li ddikjarat illi stante li hija ghandha wild mal-imputat -Omissis- hija ghazlet li ma tixhidx fil-konfront tieghu.

Semghet lill-**Ispettur Christian Abela** li pprezenta certifikat tat-twelid ta' -Omissis- li tigi l-wild tal-minuri -Omissis- u -Omissis- hekk kif imnizzel fl-istess certifikat.[5]

[4] Li dak iz-zmien tal-akkadut tal-kaz kienet WPS233.
[5] Dok. CA1 – folio 247.

Semghet lil **PS2330 Joanne Borg** li kienet prezenti waqt l-istqarrija ta' -Omissis- li kkonfermat dak kollu li gie spjegat mix-xhieda precedenti u li ziedet tghid ukoll illi l-minuri u l-imputat kellhom attivitajiet sesswali kostanti izda dejjem kienu konsenswali tant li dan l-ahhar kienu qeghdin jippruvaw sabiex ikollhom tarbija flimkien u fil-fatt kien irnexxielhom.

**Ikkunsidrat**

Illi l-imputat -Omissis- qed jigi akkuzat bir-reati ta' korruzzjoni ta' minorenni u b'attivitajiet sesswali ma' minuri taht l-età ta' sittax-il sena. Illi dawn id-dispozizzjonijiet jipprovdu s-segwenti:

> *"204C (1) Kull min jippartecipa f'attivitajiet sesswali ma' persuna ta' taht is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-piena ta' prigunerija minn hames snin sa ghaxar snin".*
> *203. Kull min, b'ghemil zieni, jikkorrompi persuna ta' that is-sittax-il sena jehel, meta jinstab hati, il-pina ta' prigunerija minn erbgha sa tmien snin:"*

Illi mbaghad is-subinciz (3) tal-istess Artikolu jipprovdi s-segwenti:-

*"Meta l-ghemil ikun kunsenswali bejn il-pari, li jkunu qrib fl-età u fil-livell ta' zvilupp u sa fejn l-atti ma jkunux jinvolvu abbuz fiziku u, jew psikologiku, il-piena ghandha titnaqqas bi grad jew zewg gradi."*

Illi f'dan il-kaz m'hemmx dubju li l-atti sesswali (li ammetta ghalihom l-imputat fl-istqarrija tieghu) gew maghmula bejn l-imputat -Omissis- u l-minuri -Omissis- f'tul ta' zmien u li kienu kollha kunsenswali. Illi hareg car illi l-minuri kienet konsapevoli ta' dan l-att sesswali tant li hi u l-imputat kienu qeghdin jippruvaw ikollhom tarbija li din twieldet -Omissis- bil-missier dikjarat fl-istess certifikat bhala l-imputat -Omissis-.

Illi jidher mill-akkuza u mic-certifikati tat-twelid esebiti fl-atti tal-istess imputat u tal-minuri illi dak iz-zmien tar-reat l-imputat kellu tmintax (18)-il sena u l-minuri kellha erbatax (14)-il sena. Illi ghalhekk bejn l-imputat u -Omissis- kien hemm differenza ta' hames (5) snin. Illi a rigward il-livell ta' maturità bejniethom jidher illi l-minuri hija pjuttost matura tant illi zammet it-tarbija, qed trabbiha b'mod tajjeb flimkien mal-imputat u tixtieq tkompli tkabbar il-familja taghha. Illi di piu' mill-atti ma hareg xejn li jindika li l-minuri kellha xi mankanza mentali jew psikologika li timpedilha li jkollha zvilupp normali. Illi di

piu' dan kollu sar bil-konsapevolezza ta' omm il-minuri li ghalkemm kienet taf ben tajjeb l-età tal-minuri din hallietha tkompli bir-relazzjoni mal-imputat u sahansitra ghamlu zmien jghixu flimkien maghha.

Illi ghaldaqstant din il-Qorti hi sodisfatta illi s-subinciz (3) ghandu japplika f'dan il-kaz fiz-zewg akkuzi kontra l-imputat, u din il-Qorti ser tapplikah meta tkun qed tinfliggi l-piena li mhix ser tkun wahda karcerarja stante c-cirkostanzi tal-kaz u stante li llum il-gurnata l-imputat jinsab f'hajja stabbli mal-parte civile u l-wild taghhom.

Illi a rigward it-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi stante illi l-minuri ma xehditx bil-gurament ma tistax tkun konsapevoli jekk din kinitx tibza' mill-imputat jew jekk kienx heddidha ghaliex il-provi prodotti huma kollha *detto del detto*. Ghaldaqstant dawn l-akkuzi ma gewx ippruvati.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikoli 18, 31, 203(1), 204C(1) u (3) u 202, 222(1) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta qed issib lill-imputat **-Omissis-** hati biss tal-ewwel (1) u t-tieni (2) akkuzi u stante li t-tieni (2) akkuza hija mezz ghal fini tal-ewwel (1) akkuza, bl-applikazzjoni tal-Artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta tilliberah bil-kundizzjoni li ma jikkommettix reat iehor fi zmien tliet (3)

snin mil-lum filwaqt li ma ssibux hati tat-tielet (3) u r-raba' (4) akkuzi fuq nuqqas ta' provi.

Il-Qorti spjegat fi kliem semplici r-riperkussjonijiet jekk din l-ordni ma tigix obduta.

__________________________________________

**Ft./Dr Claire L. Stafrace Zammit B.A., LL.D.**

**Magistrat**

**Benjamina Mifsud**

**Deputat Registratur**